DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2055

tat-23 ta' Novembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/182 biex jiġi stabbilit it-tqassim skont l-Istat Membru tar-riżorsi ta' REACT-EU għas-sena 2022

(notifikata bid-dokument C(2021) 8271)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 92b(4) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/182 ([2]) tistabbilixxi t-tqassim skont l-Istat Membru tar-riżorsi REACT-EU bħala approprjazzjonijiet mill-Fondi Strutturali għas-sena 2021 skont l-Artikolu 92b(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(2) Skont l-Artikolu 92b(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/182 trid tiġi riveduta fl-2021 biex jiġi stabbilit it-tqassim tar-riżorsi ta' REACT-UE għas-sena 2022 abbażi tad-*data* disponibbli sad-19 ta' Ottubru 2021.

(3) It-titolu tad-Deċiżjoni (UE) 2021/182 jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi referenzi għat-tqassim tal-2022.

(4) L-Anness VIIa tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jistabbilixxi l-kriterji u l-metodoloġija għall-allokazzjoni tar-riżorsi ta' REACT-EU.

(5) Għal raġunijiet ta' programmazzjoni mill-Istati Membri, jenħtieġ li t-tqassim speċifiku jingħata fi prezzijiet tal-2018 biex jiġu stabbiliti r-riżorsi effettivament disponibbli wara li jitnaqqas l-ammont għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u għall-appoġġ għan-nefqa amministrattiva. Għal raġunijiet ta' trasparenza, jenħtieġ li t-tqassim jiġi espress ukoll fi prezzijiet attwali.

(6) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/182 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/182 hija emendata kif ġej:

1. it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/182 li tistabbilixxi t-tqassim skont l-Istat Membru tar-riżorsi ta' REACT-EU għas-snin 2021 u 2022";

2. l-Anness jingħata n-numru "Anness I";

3. l-Anness ta' din id-Deċiżjoni, inkluż it-tqassim skont l-Istat Membru tar-riżorsi tar-REACT-UE għas-sena 2022, jiżdied bħala l-Anness II.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/182 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi t-tqassim skont l-Istat Membru tar-riżorsi ta' REACT-EU għas-sena 2021 (notifikata bid-dokument C(2021) 843) (ĠU L 53, 16.2.2021, p. 103).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Elisa FERREIRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II

ALLOKAZZJONI TAR-RIŻORSI TA' REACT-EU 2022

(f'EUR)

	2022 *prezzijiet tal-2018*	2022 *prezzijiet attwali*
BE	65 678 817	71 092 864
BG	129 016 223	139 651 309
CZ	292 945 458	317 093 585
DK	30 237 404	32 729 938
DE	477 860 614	517 251 696
EE	27 410 709	29 670 233
IE	49 212 516	53 269 210
EL	256 696 718	277 856 782
ES	3 353 135 895	3 629 542 131
FR	783 463 169	848 045 730
HR	93 362 597	101 058 677
IT	2 849 397 546	3 084 279 540
CY	19 298 312	20 889 114
LV	18 833 529	20 386 018
LT	46 605 557	50 447 354
LU	3 602 204	3 899 141
HU	96 435 113	104 384 468
MT	10 312 226	11 162 285
NL	111 523 544	120 716 671
AT	55 005 031	59 539 214
PL	247 608 310	268 019 198
PT	503 146 935	544 622 423
RO	199 713 869	216 176 714
SI	14 474 977	15 668 180
SK	119 366 039	129 205 640
FI	33 851 812	36 642 291
SE	73 015 402	79 034 219
EU27	**9 961 210 526**	**10782334625"**